**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 256/2022 JPG**
**Kawza Numru : 21**

**PC**

**Vs**

**U b'digriet tal-10 ta' Jannar 2023 gew mahtura Dr Sue Mercieca u PL Jean Pierre Busuttil bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti PHC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' PC, datat 1 ta' Dicembru 2022, *a fol 1* li jaqra hekk:

1. *ILLI l-partijiet iżżewġu nhar it-tmienja (8) ta' Novembru, Elfejn u Sittax (2016) hekk kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ mal-preżenti anness u immarkat DOK A, liema żwieġ issa ilu xhur li tkisser.*

2. *ILLI miż-żwieġ ta' bejn il-partijiet twieldet tifla bl-isem ta' SC, nhar X, u għalhekk il-minuri ghandha X -il sena (vide Ċertifikati tat-Twelid anness u immarkat DOK B).*

3. *ILLI l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba raġunijiet li għalihom jaħti l-intimat, fosthom inkompatibbilita' ta' karattru, u l-ħajja tal-kontendenti flimkien ma baqgħetx aktar possibbli minħabba illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment bi ħtija tal-istess intimat.*

4. *ILLI l-intimat telaq minn Malta u ma rritornax u l-esponenti ma tafx sew fejn jinsab.*

5. *ILLI assi formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti ma hemmx stante illi l-kontendenti qatt ma kellhom proprjeta' immobbli flimkien u lanqas mobbli.*

6. *ILLI l-esponenti ġiet awtorizzata illi tintavola dawn il-proceduri permezz ta' Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tas-sebgħa (7) ta' Novembru, Elfejn Tnejn u Għoxrin (2022) illi jinsab mal-prezenti anness u immarkat bhala 'Dok C'.*

7. *ILLI r-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet mhiex possibbli u għalhekk kellha ssir din il-kawża bl-ispejjeż kontra l-intimat.*

*GĦALDAQSTANT, għar-raġunijiet premessi u previa kull provvediment ieħor li din l-Onor. Qorti jidrilha li huwa xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi, jogħġobha:*

1. *Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti għar-raġunijiet premessi imputabbli lill-intimata, u minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment;*

2. *Tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd għall-manteniment tiegħu skond il-Liġi;*

3. *Tiddikjara xjolta il-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni, taqsamha f'żewġ porzjonijiet u tassenja waħda lir-rikorrenti u l-oħra lill-intimata, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess kommunjoni, u billi jiġi nominat nutar*

*sabiex jiriċievi l-att relativ u kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att jekk dan ikun meħtieġ.*

4. *Tapplika kontra l-intimat interament jew in parti id-dispożjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat inġunt minn issa stess in subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-Kuraturi Deputati datata 8 ta' Gunju 2023 *a fol 34,* li taqra hekk:

1. *Illi l-esponenti Kuraturi Deputati mhumiex edotti mill-fatti de quo u ghalhekk qed jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta guramentata motivata u ulterjuri flimkien ma' lista ta' xhieda u dokumenti jekk ikun il-kaz, f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti, liema dritt qed jirriservawh ukoll f'kaz illi l-intimat jinstab u jingagga l-avukat ta' fiducja tieghu;*

2. *Illi in vista wkoll li tali risposta qieghda tigi intavolata wara iz-zmien rikjest mill-ligi qieghdin umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti illi taccetta tali risposta kemm-il darba ma jkunx hemm oppozizzjoni mill-attrici.*

*Salv risposta ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-Kuratur Deputati datata 3 ta' April 2024, li permezz taghha ddikjaraw illi ma setghux jaghmlu kuntatt mal-intimat waqt li rrimettew ruhhom fuq il-fatti. (vide fol 115);

Rat illi nhar is-6 ta' Mejju 2024, l-avukati difensuri tal-partijiet ddikjaraw illi ma kellhom trattazjoni x'jaghmlu u stiednu l-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 116);

**Ikkonsidrat:**

***Vanessa Bonello in rapprezentanza ta' Lombard Bank prodotta nhar it-13 ta' Lulju 2023*** spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet fuq isem il-partijiet.

***Charmaine Psaila Ragi in rapprezentanza tal-APS Bank prodotta nhar it-13 ta' Lulju 2023*** xehdet illi il-partijiet ma kellhomx kontijiet mal-bank.

***Johanna Bartolo in rapprezentanza tal-BOV Bank prodotta nhar it-13 ta' Lulju 2023*** spjegat illi fuq isem l-attrici nstabu zewg kontijiet, savings account li infetah f' Awwissu tas-sena 2006 u inghalaq f' Awwissu tas-sena 2017 u young savers account li infetah f' Marzu tas-sena 2010 u inghalaq fis-sena April 2017. (Vide JB 1 u JB 2) Ix-xhud ikkonfermat illi ma rrizulta l-ebda kont fuq isem l-intimat.

***Lorraine Attard in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc prodotta nhar it-13 ta' Lulju 2023*** spjegat illi jirrizulta savings account fuq intestati fuq isem l-attrici li nfetah fis-sena 2018. (Vide LA 1) Illi fir-rigward l-intimat ix-xhud ikkonfermat illi rrizulta savings account li jirrisali ghas-sena 2018, liema kont inghalaq f' Jannar tas-sena 2020, u kont ta' credit card li inghalaq fis-sena 2018. (Vie Dok LA 2 u LA 3)

***Joshua Attard in rapprezentanza tal-BNF Bank, prodott nhar it-13 ta' Lulju 2023*** spjega illi l-partijiet ma kienux klijenti tal-bank.

***L-attrici prodotta nhar l-4 ta' Dicembru (vide fol 85A et seqq)*** spjegat illi hi kienet ilha taf lil zewgha madwar sitt (6) snin qabel ma zzewgu u kienu ghexu flimkien. Ziedet illi fl-elfejn u ghaxra (2010) kellhom it-tifla, madwara xahar wara li kienet ilha tafu. Xehdet illi zewgha kien bniedem vjolenti, anke fil-*football*, tant li kien ta spiss jaqla *yellow card* minhabba li kien jinkorla malajr. Kien nervuz u kien ibati bil-*mood swings*, kien persuna ghajjura, u kien ikun irrid kollox kif jezigi hu. Stqarret illi hi baqghet mieghu minhabba li flimkien kellhom tifla, ghaliex riedet li titrabba bil-presenza ta' missierha f'hajjitha. Illi eventwalment beda jkun vjolenti lejha, billi iwaddab tazzi lejha, prova jifgaha, u anke abbuziv emozzjonalment tant li kien jghidilha illi ma joqtolix minhabba t-tifla. Ikkonfermat illi din il-vjolenza qatt ma saret

fil-presenza tat-tifla. Ikkonfermat illi ilha madwar xi sentejn li telqitu, filwaqt li l-intimat baqa' l-B.

L-attrici rrilevat illi kien hemm perjodu qasir fejn baqghu f'komunikazzjoni minhabba it-tifla pero' issa qatgha ghal kollox il-komunikazzjoni minn maghha peress li t-tifla qieghda mieghu l-B fil-prezent. Spjegat illi l-intimat gie biss Malta ghall-vaganza.

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 86 et seqq)*** fejn spjegat illi hi iltaqghet ma' zewgha fis-sena 2009 meta hu kien player tal-football Malta. Illi sussegwentement fis-sena 2010 kellhom tifla, SC. Illi fit 8 ta' Novembru 2016 izzewgu. Ftit wara z-zwieg taghhom, il-kontendenti marru l-B, u ghamlu erba' (4) snin, wara liema perjodu rritornat lura Malta flimkien mat-tifla, filwaqt li zewgha baqa' l-B. Illi zewgha gie darbtejn Malta ghall-vaganza, fis-sena 2022. Fit-tieni zjara kien gie biex jiehu lit-tifla mieghu lura l-B, wara li gennen lit-tifla biex tmur il-B. Spjegat illi hi baqghet ma' zewgha minhabba t-tifla, u dana stante li zewgha huwa bniedem vjolenti u gieli anke refa' jdejh fuqha. Xehdet illi hi kienet torqod b' sikkina hdejn is-sodda ghaliex kienet taf li kien perikoluz u kien jehtieg li tiddefendi lilha nnifsha.

Xehdet illi wara ljieli shah barra ma' shabu, zewgha kien jigi lura d-dar u jqajjimha f'nofs ta' lejl biex ikollhom rapport intimi, bhal li kieku kienet oggett. Stqarret illi hi telqet mill-B, u ddecidiet li tittermina z-zwieg taghhom ghaliex ma felhitx iktar ghall-indhil ta' omm l-intimat. Ikkonfermat illi m'hemm l-ebda assi in komunjoni u fiz-zwieg qatt ma sar dejn.

***Isaac Micallef prodott nhar il-11 ta' Dicembru 2023 (vide fol 110 et seq) u in rapprezentanza ta' Identita,*** esebixxa l-ahhar permessi li inhargulu tul l-ahhar hames (5) snin. (Vide Dok IM1) Zied illi minn naha tad-Dipartiment huma ma jkunux jafu jekk l-intimat telaqx mill-pajjiz jew le, pero' ikkonferma illi l-ahhar permess li kien gie approvat ghadu vigenti billi jiskadi fis-sena 2027.

***L-Ispettur Christian Abela in rapprezentanza tal-Principal Immigration Office prodott nhar il-11 ta' Dicembru 2023 (vide fol 106 et seq)*** spjega illi ma nstabu l-ebda *records* dwar *travel movements* tal-intimat.

***L-attrici ri-prodotta nhar is- 6 ta' Mejju 2024***, u ikkonfermat illi lejn l-ahhar taz-zwieg taghhom l-intimat kien fizikament vjolenti lejha, stante li minn dejjem kien bniedem li jinkorla

malajr. Spjegat illi fiz-zwieg taghhom kien isir dak kollu li ried l-intimat, meta imbaghad hi bdiet tieqaflu, beda jsir abbuzziv tant li kien jaghmel idejh m'ghonqha u kien qalilha illi ma jifgahix minhabba it-tifla. Illi lejn l-ahhar ukoll beda anke jwaddab it-tazzi lejha, u jkisser il-flixken mal-hajt. Spjegat illi hi qatt ma ghamlet rapport mal-pulizija. Stqarret illi ma' binthom l-intimat qatt ma kien vjolenti.

**Ikkonsidrat:**

Din hija sentenza ta' separazzjoni personali wara talba maghmula mir-rikorrenti, li tikkontendi li l-htija ghat-tifrik taz-zwieg hija unikament imputabbli lill-intimat. Illi l-attrici tindika illi l-intimat huwa unikament hati ghat-tifrik tz-zwieg taghhom minhabba vjolenza u inkompatibbilita ta' karattru, b'dana illi l-hajja konjugali ma baqghetx aktar possibbli.

L-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi:

> ***40. Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment:***
>
> ***Iżda l-qorti tista' tiddikjara l-firda minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irrimedjabbilment minkejja li, sew qabel jew wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, l-ebda waħda mill-persuni miżżewġin flimkien ma tkun għamlet it-talba għal dik ir-raġun.***

Fid-decisjoni fl-ismijiet: ***Elisa Thompson vs. Edward Thompson***[1], ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

---

[1] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Hemm ġurisprudenza kostanti li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud***[2] u dik fl-ismijiet ***Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi***[3], ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija,

> ***"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"*** u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn "***ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",*** filwaqt li ġew definiti bħala li:
> **"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz";**
>
> Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi ***"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima."***[4]

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmienja (8) ta' Novembru 2016 gewwa r-Registru Pubbliku l-Belt Valletta u dana kif jidher mic-certifikat taz-zwieg ezebit in atti *a fol 5*. Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet kellhom tifla, SC li twieldet nhar X, b'dana illi l-minuri llum ghandha circa X – il sena. Illi mit-testimonjanza tal-attrici jirrizulta illi l-minuri qieghda tirrisjedi mal-missier intimat possibbilment l-B, b'dana illi llum l-attrici m'ghandhiex kuntatt la mal-intimat wisq lanqas ma' bintha.

Illi mill-atti jirrizulta illi l-abbli Deputati Kuraturi ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-intimat u in vista ta' dan il-fatt, din il-Qorti hija kostretta li taghti l-gudizzju taghha unikament abbazi tal-provi prodotti mill-attrici.

---

[2] Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[3] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[4] Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed titlob illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali tal-partijiet, ghal ragunijiet unikament imputabbli lil intimat.

Illi kif rilevat iktar kmieni, din il-Qorti hija kostretta li tiddetermina t-talbiet abbazi tal-provi prodotti mill-attrici biss, u dana stante li l-intimat ma giex rintraccat mill-abbli Kuraturi Deputati. Din il-Qorti tosserva illi ghajr ix-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek, l-attrici ma pproduciet l-ebda xhieda ohra li possibbilment setghu jikkoraboraw il-versjoni taghha, u dana minkejja li fix-xhieda taghha, hija stqarret illi l-intimat zewgha kellu ukoll divverbji ma' ommha.

Din il-Qorti rat illi fir-rikors promotur l-attrici rrilevat illi: "*l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti saret impossibbli minħabba raġunijiet li għalihom jaħti l-intimat, fosthom inkompatibbilita' ta' karattru, u l-ħajja tal-kontendenti flimkien ma baqgħetx aktar possibbli minħabba illi ż-żwieġ tagħhom tkisser irrimedjabbilment bi ħtija tal-istess intimat.*" Illi fit-testimonjanza viva voce u mhux kontrastata taghha, l-attrici xehdet kif zewgha kien bniedem possessiv, kif ma riedix terga' tohrog tahdem, u kif lejn l-ahhar taz-zwieg taghhom, harget in-natura vjolenti tieghu, fejn kien prova jifgaha, refa' jdejh fuqha u anke kien jghidilha illi ma joqtolix minhabba binthom. L-attrici spjegat illi dan kollu qatt ma sehh fil-presenza tal-minuri binthom. Fl-affidavit taghha, l-attrici stqarret ukoll illi hi kienet spiccat torqod b'sikkina magenbha sabiex tkun tista tiddefendi ruhha mill-intimat zewgha.

Xehdet illi meta ma felhitx aktar ghall-ghemil tieghu, hija telqet mill-B fejn ghamlet circa erba' (4) snin tghix mal-intimat, bintha u familtu, anke ghaliex ma felhitx aktar ghall-indhil ta' omm l-intimat, u dan minkejja li l-attrici xehdet illi omm l-intimat kienet qasmet maghha l-biza' taghha li l-intimat jista' jkun persuna aggressiva. Din il-Qorti taghraf illi sakemm il-partijiet kienu qieghdin jirrisjedu l-B, l-attrici ma kienitx mdawwra mill-familja taghha, u ghalhekk dak li hija garrbet tista tirrakontah hija biss.

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tqisx illi l-versjoni tal-attrici hija wahda inveritiera. Il-Qorti tinnota illi l-attrici fix-xhieda viva voce taghha dejjem kienet wahda konsistenti, u rreptiet diversi drabi kif l-intimat zewgha kien jaqbadha minn ghonqha u jipprova jghallaqha. Illi hija

l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi tali eghmil huwa prova ta' vjolenza domestika mill-aktar gravi u ghaldaqstant raġuni serjissima ghat-talba ta' separazzjoni personali.

Il-Qorti rat illi skont l-artikolu 51 tal-Kodici Civili:

> "***Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-dispożizzjonijiet ta'dak l-artikolu."***

Is-separazzjoni personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, skond id-dispozzijonijiet tal-Kodici Civili, iġibu magħhom, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taz-zwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, ghandiex tapplika o meno dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, din il-Qorti tqis illi ghandha tapplika fil-konfront tal-intimat id-dispozzizjonijiet ai termini tal-Artikolu 51 u 52 tal-Kap 16.

**Komunjoni tal-Akkwisti:**

Illi kif jirrizulta mit-testimonjanza tal-attrici, minkejja li ghad hemm il-komunjoni tal-akkwisti li ghadha vigenti bejn il-partijiet, stante li l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg taghhom f' Malta, izda din hija sprovvista minn kwalsiasi assi.

Illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-banek jirrizulta illi hemm biss kont bankarju wiehed mal-bank kummercjali HSBC Bank Malta plc intestat f'isem l-attrici li infetah fis-sena 2018, u din il-Qorti tordna illi l-imsemmi kont ghandu jigi assenjat lill-istess attrici.

Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien tlett gimghat mid-data ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti tordna ukoll illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat; u tawtorizza lill-attrici sabiex tghix separatament minn ma' zewgha u tawtorizzaha taghmel l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-konvenut kif rapprezentat mill-Kuraturi Deputati;**
2. **Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara illi l-intimat iddekada minn kull jedd ghall-manteniment tieghu;**
3. **Tilqa' t-tielet talba u u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod;**

    i. **Illi fl-eventwalita' li hemm assi parafernali u/jew dotali, ghandhom jigu restitwiti lil dik il-parti li jkunu jappartjenu, b'dana illi din il-Qorti sejra tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lil l-parti l-ohra kwalunkwe oggetti mobbli jew imobbli parafernali u/jew dotali li jinsabu fil-pussess taghhom lil dik il-parti fi zmien tlett gimghat minn din is-sentenza;**

    ii. **Rigward kontijiet bankarji, din il-Qorti tordna u tassenja il-kont bankarju intestat f'isem l-attrici mal-bank kummercjali HSBC Bank Malta plc lill-istess attrici.**

        a. **Illi din il-Qorti tordna illi kwalsiasi obbligazzjoni u/jew dejn illi kull wahda mill-partijiet jista' talvolta jkun assuma, dina l-obbligazzjoni u/jew dejn ghandha tkun responsabbilta' esklussiva ta' dik il-parti li jkun assumiha.**

**4. Tilqa' r-raba talba u tapplika kontra l-intimat interament id-dispożjonijiet tal-artikolu 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili;**

**5. Tawtorizza lill-attrici tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku.**

**Spejjes a karigu tal-intimat izda jithallsu provizorjament mill-attrici.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**